MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 34/2002/1

**Dr. Patrick Spiteri**

**vs**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

Dan hu appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-23 ta' Dicembru, 2002 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet kollha lilha maghmula mir-rikorrent

Dott. Patrick Spiteri, bl-ispejjez ta' dik l-istanza kontra l-istess rikorrent. Dawn it-talbiet kienu hamsa, u kienu jghidu hekk:

1. tiddikjara illi l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija illi jressaq lill-esponenti **b'arrest** [quddiem] il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-2 ta' Ottubru, 2002, meta ma kienux jezistu cirkostanzi li jiggustifikaw tali prezentata **b'arrest** u ghalhekk seta facilment jigi prezentat **m'hux arrest** *(sic!)*, tikkostitwixxi ksur ta' l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kontenuta fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319;
2. tiddikjara illi n-nuqqas tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja li tiddetermina in-nuqqas ta' gustifikazzjoni ta' l-arrest tal-esponent ghall-prezentata quddiem il-Qorti, jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kontenuti fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319;
3. tiddikjara konsegwentement illi l-arrest ta' l-esponenti sabiex jitressaq [quddiem] il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-2 ta' Ottubru, 2002, kien wiehed illegali u abbuziv u bi ksur ta' l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artkolu 5 tal-Konvenzjoni;
4. tiddikjara illi l-Artikolu 581 tal-Kap. 9, in kwantu iccahhad [**recte:** icahhad] lill-esponenti mid-dritt li jerga' jigi moghti l-helsien mill-arrest fl-istess kawza, u b'hekk ixekkel id-diskrezzjoni li l-Qorti ghandu jkollha fil-konsiderazzjoni dwar jekk l-akkuzat ghandux jinghata liberta` provvizorja, anke wara li dan forsi jkun kiser kundizjjoni precedenti, hija vjolazzjoni ta' l-Artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 5, b'mod partikolari 5(3), kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kontenuta fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319;
5. tikkundanna lill-istess intimati ihallsu lir-rikorrenti dak il-kumpens xieraq li jidhrilha huwa gustifikabbli ghall-vjolazzjoni lamentata.

Qabel ma din il-Qorti tezamina *seriatim* l-aggravji migjuba mir-rikorrent appellant fir-rikors tieghu tas-27 ta' Dicembru, 2002, tajjeb li wiehed jistabilixxi x'inhuma l-fatti

f'dan il-kaz. Dwar il-fatti, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet, u dawn jistghu konvenjentement jigu indikati fi kliem l-ewwel Qorti:

"Ir-rikorrent ġie arrestat nhar l-Erbgħa, 2 t'Ottubru, 2002, għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu, fil-mitjar internazzjonali tal-Gudja, hekk kif wasal lura Malta b'titjira minn Londra. L-arrest sar mill-Ispettur Bernard Żarb, li kien wasallu rapport magħmul min-Nutar John Debono fl-aħħar jiem ta' Settembru, 2002, fis-sens li qies li r-rikorrent kien bagħbas ma' att nutarili li fid-dieher juri li kien sar mill-imsemmi Nutar. Ir-rikorrent ġie mgħarraf dak il-ħin li kien qiegħed jiġi arrestat u mwissi dwar dak li kien sejjer jgħid. Ir-rikorrent intalab jiddeċiedi jekk riedx jitkellem mal-Ispettur fuq il-każ dak il-ħin, u wera x-xewqa li dak li kellu jsir isir mingħajr dewmien. Ir-rikorrent ittieħed minnufih id-Depot u nżamm hemm sa xi l-erbgħa ta' filgħodu (4.00 a.m.), minn fejn ittieħed lejn wieħed mill-uffiċċji professjonali tiegħu f'Ta' Xbiex. Hemmhekk saret tfittxija. Ittieħed ukoll f'uffiċċju ieħor tar-rikorrent f'Ta' Xbiex ukoll ftit lil hinn mill-ewwel wieħed li marru fih, u hemm ukoll saret tfittxija. Ittieħed id-dar tiegħu fil-Wardija, minn fejn hu rtira dokument. Minn hemm reġa' ttieħed lejn id-Depot, fejn beda jagħmel stqarrija għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu u baqa' għaddej sas-siegħa ta' wara nofsinhar;

Illi r-rikorrenti wieġeb għal kull mistoqsija li saritlu, u għażel ukoll li jiffirma l-istqarrija malli temm jagħmilha. Għalkemm fl-ebda ħin ma kien maqful f'xi ċella jew kamra, hu baqa' l-ħin kollu fil-preżenza ta' uffiċjal tal-Pulizija, x'aktarx l-imsemmi Spettur Żarb. Ma tħalliex imur fejn irid, għalkemm ma nżammx immanettjat. Tard wara nofsinhar, għall-ħabta tal-erbgħa u nofs, ittella' l-Qorti b'arrest u tressaq akkużat quddiem il-Maġistrat tal-Għassa u mixli b'żewġ reati ta' frodi u falsifikazzjoni li l-ogħla piena tagħhom hija waħda ta' priġunerija. Waqt is-smigħ, intalbet f'ismu l-liberta' proviżorja, u l-Qorti idderiġiet lir-rikorrent li jressaq l-att ġudizzjarju meħtieġ. Dan sar u l-għada, l-Erbgħa, 2 t'Ottubru, 2002, r-rikorrent ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt il-garanziji u kundizzjonijiet li

jissemmew fid-degriet. Hemm intemm l-arrest tar-rikorrent;

Illi fil-21 t'Ottubru, 2002, ir-rikorrent ressaq Rikors biex jitħalla jsiefer minn Malta għal erbat (4) ijiem. L-Avukat Ġenerali, fi tweġiba li ressaq fit-22 t'Ottubru, 2002, ma opponiex għat-talba. Il-Qorti Kriminali laqgħet it-talba b'Degriet tat-22 t'Ottubru, 2002. Hu siefer u daħal lura Malta kif kien talab. Reġa' ressaq rikors ieħor fit-28 t'Ottubru, 2002, għaliex reġa' kellu bżonn isiefer għal jumejn bejn id-29 u t-30 ta' dak ix-xahar. F'din id-darba, l-Avukat Ġenerali oppona t-talba, fi tweġiba li ressaq fid-29 t'Ottubru, 2002. Jirriżulta li r-rikorrent telaq minn Malta lejn l-Italja fid-29 t'Ottubru, 2002, u wasal lura Malta mir-Renju Unit fil-31 t'Ottubru, 2002. Ir-rikorrent kien ħalla Malta qabel ma l-Onorabbli Qorti Kriminali kienet tat Degriet dwar it-talba tiegħu. Il-Qorti Kriminali, b'Degriet tagħha tat-30 t'Ottubru, 2002, ċaħdet it-talba tar-rikorrent;

Illi hekk kif ir-rikorrent daħal lura Malta, fil-31 t'Ottubru, 2002, l-intimat Avukat Ġenerali ressaq rikors biex jitlob l-arrest tar-rikorrent u t-telf tas-somma depożitata bħala garanzija. Dik il-Qorti appuntat is-smigħ u t-trattazzjoni tar-rikors għall-jum tal-Ġimgħa, 1 ta' Novembru, 2002, wara nofsinhar. Dak inhar, il-Qorti Kriminali semgħet ix-xiehda u t-trattazzjoni u tat degriet interlokutorju provviżorju, filwaqt li ħalliet ir-rikors għall-provvediment kamerali. Fl-4 ta' Novembru, 2002, l-Onorabbli Qorti Kriminali tat Degriet li bih, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ħassret l-ordni tal-liberta' proviżorja li kien ingħata lir-rikorrent fit-2 t'Ottubru, 2002, ordnat l-arrest mill-ġdid tar-rikorrent u wkoll li s-somma tal-obbligazzjoni imqegħda minnu bħala waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien proviżorju tiegħu tgħaddi għand il-Gvern ta' Malta. Dak inhar stess, inħareġ ordni ta' arrest tar-rikorrent. Minn dak inhar sallum, ir-rikorrenti għadu miżmum b'arrest fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Ir-rikorrent ressaq din il-proċedura tar-Rikors Kostituzzjonali fit-13 ta' Novembru, 2002;"

Ghandu jinghad, pero`, nel frattemp, u cioe` fil-mori ta' dana l-appell, il-kawza kontra l-appellant li kien hemm

quddiem il-Qorti Inferjuri giet deciza minn dik l-istess Qorti (evidentement issa bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) b'sentenza moghtija fit-22 ta' Jannar, 2003 (ara l-verbal ta' l-udjenza quddiem din il-Qorti a fol. 269).

## IL-LIGI

Id-disposizzjonijiet tal-ligi li qed jigu invokati mill-appellant, kemm fir-rikors tieghu quddiem il-Prim Awla kif ukoll fir-rikors ta' appell quddiem din il-Qorti huma l-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni, u l-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fir-rigward ta' l-Artikolu 5, qed jigu invokati sia il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tieghu, kif ukoll is-subartikoli (3) u (4). Peress li xi whud minn dawn l-artikoli mhux biss fihom hafna disposizzjonijiet (f'forma ta' subartikoli u paragrafi, per ez. l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni), u ma giex precizat liema minn dawn id-disposizzjonijiet qed jigu specifikatament invokati, u peress li fi kwalunkwe kaz mhux id-disposizzjonijiet kollha indikati mir-rikorrent huma relevanti ghad-determinazzjoni tal-vertenza odjerna, id-disposizzjonijiet tal-ligi <u>li huma relevanti</u> ser jigu riprodotti man mano li din il-Qorti tizvolgi r-ragunament taghha.

## L-AGGRAVJI TA' L-APPELLANT U KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

L-appellant ghandu, bazikament, tlett aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma apprezzatx tajjeb bizzejjed il-portata legali tal-Artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea. L-Artikolu 34(1)(f) jipprovdi li **"Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-liberta` personali tieghu <u>hlief kif jista' jkun awtorizzat b'ligi</u> fil-kazijiet li gejjin, jigifieri…fuq suspett ragonevoli li huwa jkun ikommetta, jew ikun ser jikkommetti, reat kriminali"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 34, imbaghad, ikompli **"Kull min jigi arrestat jew detenut…fuq suspett ragonevoli li jkun ikkommetta, jew li jkun ser jikkommetti, reat kriminali, u li ma jigix mehlus, ghandu jingieb quddiem qorti mhux aktar**

**tard minn tmienja u erbghin siegha wara…”**. Fi kliem kwazi simili l-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk: **“Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta` u ghas-sigurta` tal-persuna. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-liberta` tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skond il-procedura preskritta bil-ligi…l-arrest jew detenzjoni skond il-ligi ta’ persuna effetwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita` legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat”** (sottolinear ukoll ta’ din il-Qorti). Bl-istess mod bhalma jipprovdi l-Artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni, anzi kwazi bi ftit aktar premura ghal dak li hu zmien, is-subartikolu (3) ta’ l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jkompli hekk: **“Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 (c) ta’ dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b’ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal proceduri fi zmien ragonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista’ jkun taht kondizzjoni ta’ garanziji biex jidher ghal-proceduri”**. L-appellant mhux jghid li fil-kaz tieghu ma kienx hemm suspett ragonevoli li huwa kien ikkommetta xi reat; huwa qed jghid biss li il-prezentata tieghu quddiem il-Qorti b’arrest minflok b’citazzjoni ma kienitx “skond il-ligi” (ghalhekk is-sottolinear aktar ‘l fuq) u dan ghax, bazikament, wara li huwa kien ikkopera mal-Pulizja li kienet qed tinvestigah, ma kien ghad baqa’ ebda raguni ghala huwa kellu jibqa’ jinzamm arrestat. In sostenn ta’ dana l-argument tieghu l-appellant jikkwota mis-sentenza ta’ din il-Qorti (diversament komposta) tal-31 ta’ Lulju, 1998 fl-ismijiet ***Joseph Attard v. Kummissarju tal-Pulizija*** u jaghmel referenza wkoll ghad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali u b’mod partikolari ghall-Artikolu 360 ta’ dak il-Kodici. L-appellant jikkonkludi dwar dan l-ilment billi jissottometti hekk:

“Ghaldaqstant in vista tas-sistema legali inkorporata fil-kodici kriminali u tad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-proceduri gia msemmija, l-esponent jissottometti bir-

rispett allura li *"ragunijiet bizzejjed skond il-ligi"* li jwasslu li persuna titressaq b'arrest huma ragunijiet oltre s-suspett ragonevoli li kommettiet reat, u cioe` per ezempju suspett ragonevoli ukoll li dik il-persuna mhix se tidher quddiem il-qorti meta tigi msejjha, jew li se tfixkel il-provi. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u fic-cirkostanzi tal-arrest ghal interrogazzjoni u investigazzjoni kif gew pruvati anke quddiem l-Ewwel Qorti jidher car li ma kien hemm l-ebda suspett ragonevoli u kif mehtieg skond il-ligi sabiex l-esponent jitressaq quddiem il-Qrati taht arrest".

Din il-Qorti, wara li ezaminat anke r-risposta ta' l-intimati limitatament ghal dana l-ilment, hi tal-fehma li hawn l-appellant qed jilghab bid-diskors. Huwa evidenti mit-test kemm ta' l-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni kif ukoll tal-Artikolu 34(1)(f) u (3) tal-Kostituzzjoni li jekk ikun hemm fil-konfront ta' persuna suspett ragonevoli li hija kkommettiet reat – <u>basta li dak ir-reat ikun reat li ghalih l-awtorita` ezekuttiva tista' tarresta, jigifieri jkun *an arrestable offence* taht il-ligi ordinarja</u> – dik il-persuna tista' titressaq quddiem l-awtorita` gudizzjarja b'arrest anke jekk setghet forsi konvenjentement titressaq b'citazzjoni. Fi kliem iehor, ghall-finijiet tal-Artikoli 5(1)(c) u 34(1)(f) huwa bizzejjed li s-"suspett ragonevoli" ikun marbut mal-kummissjoni ta' reat u ma hemmx ghalfejn li jkun <u>ukoll</u> marbut ma' xi biza' li jekk dak li jkun ma jitressaqx b'arrest huwa jista' eventwalment ma jidhirx quddiem l-awtorita` gudizzjarja. Huwa veru li din il-Qorti (diversament komposta) kienet qalet, b'referenza ghall-Artikolu 5(1)(c), *"…hu fondamentali li jigi apprezzat illi l-arrest jew detenzjoni f'dan l-istadju* [jigifieri mill-Pulizija Ezekuttiva] *hu biss gustifikat jekk ikun <u>preordinat</u> u <u>mehtieg</u> biex il-persuna suspettata tingieb quddiem awtorita` gudikanti kompetenti halli tigi akkuzata bl-offiza kriminali lilha addebitata"* [1], pero` hawnhekk il-Qorti jidher li kienet qed tiehu in konsiderazzjoni it-<u>tlett</u> cirkostanzi msemmija fil-paragrafu (c) tal-Artikolu 5(1), inkluza ghalhekk ic-cirkostanza li titkellem dwar *"…meta jkun ragonevolment mehtieg biex jigi evitat …li tahrab wara li tkun ghamlet reat."* Kif gie ritenut mill-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz ***De Jong, Baljet***

[1] ***Joseph Attard v. Kummissarju tal-Pulizija*** Q.K. 31/7/1998 Vol. LXXXII.i.99, 114.

***and Van den Brink v. The Nertherlands*** (22/5/1984, A.77), f'paragrafu 44:

"As was pointed out by the Commission (see paragraph 76 of the report), Article 5 para (1)(c) sets out three alternative circumstances in which detention may be effected for the purpose of bringing a person before the competent legal authority, among which is included reasonable suspicion of having committed an offence (see also the Lawless judgment of 1 July 1961, Series A no. 3, pp.51-52, para. 14).

Il-kwistjoni li qed iqajjem l-appellant hi proprjament marbuta mhux ma' interpretazzjoni tal-Artikoli 5(1)(c) jew 34(1)(f) *ut sic* izda ma interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, u dana biex jigi determinat jekk l-arrest tar-rikorrent <u>sal-mument li huwa tressaq quddiem l-awtorita` gudizzjarja</u> kienx wiehed "skond il-ligi" jew kienx "awtorizzat b'ligi". Issa, il-Kodici Kriminali kif kien fil-gurnata meta gie arrestat l-appellant u in segwitu tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja – u kif effettivament ghadu sal-lum dan il-Kodici stante li l-emendi proposti fit-Titolu I tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali bl-Att III tas-sena 2000 ghalkemm ghaddew mill-Parlament, ghadhom ma gewx fis-sehh – jaghti s-seta' lil kull ufficjal tal-Pulizija Ezekuttiva li jarresta kull persuna li tkun ghamlet jew li jkun hemm suspett (ragonevoli) li tkun ghamlet delitt punibbli bi prigunerija, salvi d-delitti taht l-Att dwar l-Istampa (Art. 347). Fil-kaz ta' kontravvenzjonijiet, is-seta' ta' arrest hija cirkoskritta b'certi kundizzjonijiet (Art. 348), pero` mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod tidhol f'dawn id-dettalji peress li ma jidhirx li huwa kontestat f'dan il-kaz li r-reati ipotizzati kontra l-appellant kienu delitti u punibbli bi prigunerija. L-Artikolu 353(1) tal-Kodici Kriminali, imbaghad, jiddisponi li jekk l-arrest jigi effetwat minn ufficjal tal-pulizija li ma jkunx tal-grad ta' spettur jew aktar, dak l-ufficjal ghandu minnufih jinforma ufficjal tal-grad ta' spettur jew aktar b'dak l-arrest; l-ufficjal ta' grad ta' spettur jew aktar ghandu *"jekk isib ragunijiet bizzejjed ghall-arrest, jordna li l-arrestat jingieb quddiem il-Qorti tal-Magistrati, jekk le, jibghatu 'l barra hieles"*. Din id-disposizzjoni giet dejjem interpretata fis-sens li r-

"ragunijiet bizzejjed ghall-arrest" li l-ufficjal tal-grad ta' spettur jew aktar irid ikun sodisfatt minnhom huma dawk imsemmija fl-Artikoli 347 u 348 tal-Kodici Kriminali, u mhux jekk ghandux jew le iressaq b'arrest jew b'citazzjoni, u dan proprju ghax l-arrest huwa intiz sabiex l-arrestat ikun jista' jitressaq quddiem il-Qorti[2]; u, jekk ghandu jressaq b'arrest, il-persuna in kwistjoni ghandha titressaq kemm jista' jkun malajr, kompatibbilment ma' l-esigenzi ta' l-investigazzjoni, pero` fi kwalunkwe kaz mhux aktar tard minn tmienja u erbghin siegha mill-hin ta' l-arrest da parti ta' l-ufficjal tal-pulizija (Art. 358(2) tal-Kodici Kriminali[3]). Huwa veru li l-Artikolu 360(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li *"Meta ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed skond il-ligi ghall-arrest ta' persuna imputata ta' reat, il-Pulizija Ezekuttiva ghandha, b'ordni bil-miktub, tharrek lil dik il-persuna biex tidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati"*. Din id-disposizzjoni tal-ligi, pero`, ma kienitx intiza – u sa fejn taf din il-Qorti qatt ma giet interpretata bhala li hi intiza – biex wara li jkun gie stabbilit li hemm "ragunijiet bizzejjed ghall-arrest" fis-sens ta' l-Artikolu 353(1), l-ufficjal tal-pulizija tal-grad ta' spettur jew aktar ikollu jiehu t-tieni decizjoni, u cioe` jekk hux "mehtieg" jew "necessarju" li jressaq lill-persuna in kwistjoni (u li allura tkun arrestata) quddiem il-Qorti b'arrest jew, fil-kaz li ma jkunx hekk "mehtieg" jew "necessarju", iressaqha b'citazzjoni. Dana l-artikolu hu intiz <u>principalment</u> ghall-kazijiet fejn ir-reat ipotizzat ikun wiehed li fir-rigward tieghu il-pulizija ma jistghux jarrestaw (*non arrestable offence*), kif ukoll ghal dawk il-kazijiet fejn, ghalkemm ir-reat ipotizzat ikun *an arrestable offence*, il-persuna in kwistjoni ma tkunx giet arrestata bis-sahha tas-seghta moghtija bl-Artikoli 347 jew 348 (jew xi

[2] S'intendi, jekk il-persuna arrestata ma tigix eventwalment imressqa quddiem il-qorti u akkuzata b'reat ghax is-suspett ragonevoli ezistenti fil-mument ta' l-arrest ma jkunx immaterjalizza ruhhu jew ghax il-pulizija jkun jidhrilha li jkun ahjar li tistenna aktar biex takkwista aktar provi jew provi ahjar fir-rigward tar-reat ipotizzat, dan ma jfissirx li l-motiv mehtieg ghall-finijiet tal-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni jkun nieqes. Fi kliem Harris, O'Boyle u Warbrick, ***Law of the European Convention on Human Rights***, Butterworths, 1995, p. 117: "The fact that a person who is detained is not eventually charged or taken before a 'competent legal authority' does not necessarily mean that the 'purpose' required by Article 5(1)(c) is not present when he is arrested; provided that 'reasonable suspicion' exists, a person may be arrested in good faith for questioning with a view to establishing the evidence needed to bring a charge without the arrest falling foul of Article 5(1)(c) because such evidence is not forthcoming".

[3] Ara wkoll l-Artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni.

disposizzjoni ohra ta’ ligi li tawtorizza l-arrest). Dan jidher car anke min-nota marginali ta’ l-Artikolu 360 – “Tahrika ta’ imputat mhux taht arrest” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Ghalhekk, galadarba persuna tkun arrestata fuq suspett ragonevoli li kkommettiet *an arrestable offence*, jekk il-Pulizija Ezekuttiva tkun tal-fehma li r-reat ipotizzat verament gie kommess minn dik il-persuna u jkollha provi bizzejjed sabiex tkun tista’ takkuzaha entro t-tmienja u erbghin siegha aktar ‘l fuq imsemmija, il-Pulizija Ezekuttiva tista’ tressaqha b’arrest, u mhix obbligata li toqghod tikkonsidra affarijiet ohra, inkluz jekk hix “mehtiega” jew “necessarja” il-prezentata bl-arrest. Fil-kaz in dizamina, ghalhekk, meta l-Pulizja Ezekuttiva ressqet lill-appellant Dott. Spiteri b’arrest quddiem il-Qorti Istruttorja, dak l-arrest kien “skond il-ligi” u “awtorizzat b’ligi” ghal-finijiet tal-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta’ l-appellant qed jigi respint.

It-tieni aggravju ta’ l-appellant hu, bazikament, fis-sens li meta tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja fit-2 ta’ Ottubru, 2002, dik il-Qorti ma kienitx kompetenti sabiex “awtomatikament” tezamina l-legalita` ta’ l-arrest tieghu. L-appellant qed jibbaza l-argument tieghu fuq dak li ddecidiet il-Qorti ta’ Strasbourg f’diversi kawzi kontra Malta, fosthom ***Sauber ben Ali v. Malta*** deciza fid-29 ta’ Gunju, 2000. Skond dawn is-sentenzi gie ritenut li peress li l-Magistrat li quddiemu titressaq persuna arrestata akkuzata b’reat – sia jekk il-Qorti tkun dik Istruttorja u sia jekk tkun dik ta’ Gudikatura Kriminali – m’ghandux is-seta’ li awtomatikament jezamina l-legalita` tal-arrest li jkun twettaq mill-Pulizija Ezekuttiva, izda jista’ biss jagixxi biex, fuq talba ta’ l-imputat, jakkorda o meno l-helsien mill-arrest taht garanzija, dan il-fatt kien jammonta ghal lezjoni ta' l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni. Hekk, per ezempju, gie ritenut mill-Qorti ta’ Strasbourg fil-kaz imsemmi, cioe` ta’ ***Sauber***, paragrafi 28 sa 32:

“28. The Court recalls that Article 5(3) of the Convention provides persons arrested or detained on suspicion of having committed a criminal offence with a guarantee against any arbitrary or unjustified deprivation of liberty

(see the Aquilina v. Malta judgment of 29 April, 1999, *op. cit.*, para. 47). What is described in the case-law as “the opening part of Article 5(3)” guarantees the right to be brought promptly before a judge or “other officer”; the second part of the provision guarantees the right to trial within a reasonable time or release pending trial (see the Assenov and Others v. Bulgaria judgment of 28 October, 1998, *Reports 1998-VIII*, p. 3264).

“29. According to the Court’s case-law, the opening part of Article 5(3) requires prompt automatic review by a judicial officer of the merits of the detention (see the above-mentioned Aquilina judgment, *loc.cit.*).

“30. Turning to the circumstances of the present case, the Court considers that the applicant’s appearance before the Court of Magistrates on 19 March 1995 was not capable of ensuring respect for Article 5(3) of the Convention because, as established in the above-mentioned Aquilina v. Malta judgment (*op. cit.*) that court had no power to review automatically the merits of the detention.

“31. Since Article 5(3) guarantees an automatic right to be brought before a judge, the Court is not convinced by the Government’s argument that Article 5(3) has been complied with because national law gave the applicant the possibility, which he did not use, of lodging an application challenging the lawfulness of his detention and a bail application – the latter after the conclusion of the inquiry.

“32. It follows that, the applicant could not obtain an automatic ruling by a domestic judicial authority on whether there existed a reasonable suspicion against him. This constitutes a breach of Article 5(3) of the Convention.”

Kien proprju minhabba din u tlett sentenzi ohra simili moghtija kontra Malta li l-legislatur Malti, fl-Att III tas-sena 2000, ippropona l-Artikolu 574A tal-Kodici Kriminali. Din id-disposizzjoni bazikament tipprovdi li meta akkuzat jew imputat li jkun taht arrest jitressaq l-ewwel darba quddiem

il-Qorti tal-Magistrati (sia jekk bhala Qorti Istruttorja u sia jekk bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali) dik il-Qorti ghandha *ex officio* tezamina l-legalita` ta’ l-arrest u, kif jipprovdi s-subartikolu (6), jekk jirrizultala li d-detenzjoni ulterjuri ta’ l-akkuzat jew imputat ma tkunx imsejsa fuq xi disposizzjoni tal-Kodici Kriminali jew ta’ xi ligi ohra li tawtorizza l-arrest u d-detenzjoni tal-persuna arrestata, hija ghandha tehles lil dik il-persuna mill-arrest minghajr kondizzjoni. Din id-disposizzjoni, pero`, ghadha sal-lum mhix fis-sehh. Konsegwentement l-appellant ghandu ragun meta jilmenta li fid-data li huwa tressaq il-Qorti – cioe` fit-2 ta’ Ottubru, 2002 – kien hemm, anke jekk teknikament biss, lezjoni ta’ l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni fir-rigward tieghu. Jinghad “teknikament biss” ghax apparti li kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata l-appellant ma qanqal ebda kwistjoni dwar il-legalita` o meno ta’ l-arrest tieghu quddiem il-Qorti Istruttorja, din il-Qorti (cioe` il-Qorti Kostituzzjonali) qieghda effettivament tiddikjara li l-arrest tieghu, inkluza l-prezentata tieghu b’arrest, kienet perfettament regolari u skond il-ligi. Ghalhekk semplici dikjarazzjoni f’dan il-kaz ghandha tkun rimedju effettiv, tenut kont ukoll tal-fatt li l-appellant inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija fl-istess gurnata li fiha gie arrestat.

It-tielet u l-ahhar aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens li l-Artikolu 581 tal-Kodici Kriminali – applikabbli fil-kaz tieghu – jilledi d-dritt tieghu protett bl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Ghalkemm fir-rikors promotur, cioe` dak tat-13 ta’ Novembru, 2002, l-appellant, allura rikorrent, irrefera b’mod partikolari (u ghalhekk mhux b’mod esklussiv) ghall-artikolu **5(3)** (ara r-raba’ talba f’dak ir-rikors f’dan ir-rigward), fir-rikors ta’ appell isemmi specifikatament ukoll is-subartikolu (4) ta’ l-imsemmi Artikolu 5. L-appellant jghid hekk:

“Permezz ta’ [l-]artikolu 581 tal-Kodici Kriminali, l-esponent tqieghed f’sitwazzjoni fejn huwa sejjer jibqa taht arrest, mizmum fil-habs ta’ Kordin, sakemm il-proceduri kriminali kontra tieghu jispiccaw, u b’ebda stharrig dwar il-htiega o meno ta’ dik id-detenzjoni. L-esponent jissottometti li dan iwassal ghal negazzjoni totali tad-

drittijiet tieghu kif protetti f'paragrafi 3 u 4 tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u dan ghaliex l-ebda sindakat ma jista' jsir fuq id-detenzjoni tieghu. Dan l-artikolu inehhi kull diskrezzjoni gudizzjarja li hija moghtija u mehtiega mill-Konvenzjoni Ewropea."

L-Artikolu 581 tal-Kodici Kriminali – artikolu, incidentalment, li, kif jidher min-nota marginali, qatt ma gie b'xi mod mimsus b'xi emenda minn meta gie promulgat l-istess Kodici fis-Seklu Dsatax – jipprovdi li **"Fil-kaz imsemmi fl-artikolu 579, lill-arrestat ma jistax jerga' jigi moghti l-helsien mill-arrest fl-istess kawza"**. L-Artikolu 579 huwa l-artikolu tal-ligi li a bazi tieghu persuna li tkun bil-*bail* tista' tigi riarrestata <u>ghax tkun kisret xi kundizzjoni tal-*bail*</u>, b'mod ukoll li s-somma tal-garanzija tghaddi favur il-Gvern ta' Malta[4]. Dana l-artikolu fih proviso li jghid hekk: **"Izda din id-dsposizzjoni[5] ma ghandiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fl-obbligazzjoni tal-garanzija ma hiex ta' konsegwenza serja"[6]**. Minn dak li gie sottomess mid-difensuri tal-partijiet quddiem din il-Qorti, jidher li l-Artikolu 581 gie kunsidrat minn din il-Qorti f'ghall-anqas zewg kawzi ohra: ***Alfred Zahra v. L-Onorevoli Prim Ministru*** Q.K. 26/7/1993 u ***Carmelo Sant v. Avukat Generali*** Q.K. 7/1/1998. Fl-ewwel kaz – dak ta' ***Zahra*** – din il-Qorti, diversament komposta, kienet irriteniet li l-Artikolu 581 ma kienx jilledi l-Artikolu **5(3)** tal-Konvenzjoni proprju minhabba l-proviso appena citat, u dan peress li rriteniet li:

"…il-Qorti hi **<u>obbligata</u>** li, qabel ma tiddeciedi jekk ghandhiex terga' taghti jew le l-liberta` provvisorja, tikkonsidra jekk il-kondizzjoni, u l-mod kif inkisret, **<u>kienitx ta' konsegwenza serja</u>** u l-artikolu impunjat jigi invokat <u>jekk</u> il-Qorti tiddeciedi li dak li gara kien ta' **<u>konsegwenza serja</u>**, u mhux mod iehor."

---

[4] Persuna li tkun bil-*bail* tista' tigi riarrestata anke taht l-Artikoli 578 jew 583 tal-Kodici Kriminali, pero` ghal ragunijiet differenti minn dawk kontemplati fl-Artikolu 579; u l-konsegwenzi tar-revoka tal-*bail* taht l-imsemmija Artikoli 578 u 583 huma wkoll differenti. Id-divjet ta' l-Artikolu 581 japplika <u>biss</u> fil-kaz ta' l-Artikolu 579.

[5] Cioe` dak kollu li jigi qabel fl-Artikolu 579.

[6] Emenda proposta f'dan il-proviso bl-Artikolu 142 tal-Att III tas-sena 2002 ghadha mhix fis-sehh.

Bid-dovut rigward, din il-Qorti ma taqbilx ma’ dan ir-ragunament. Hu evidenti minn qari akkurat ta’ l-Artikoli 579 u 581 li l-proviso ghandu jigi kkunsidrat minn Qorti ta’ Gustizzja Kriminali meta tintalab tirrevoka l-*bail* u mhux meta tintalab biex terga’ taghti l-*bail*. In fatti hija interpretazzjoni kostanti tal-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali – interpretazzjoni li din il-Qorti, kif illum komposta, taqbel maghha – li r-revoka tal-*bail* taht l-Artikolu 579 issehh biss jekk il-Qorti ta’ Gustizzja Kriminali li tkun imsejjha biex tirrevoka tali *bail* tkun tal-fehma li l-ksur tal-kundizzjoni tkun “ta’ konsegwenza serja”. Meta l-*bail* ikun gie revokat taht l-Artikolu 579 dan necessarjament ifisser li kien hemm ksur ta’ konsegwenza serja; u ma jispettax lill-Qorti ta’ Gustizzja Kriminali li tigi msejjha biex terga’ takkorda l-*bail* li terga’ tivvaluta l-gravita` jew serjeta` tal-ksur ta’ dik il-kundizzjoni.

Fil-kaz ta’ ***Sant***, invece, l-Artikolu 581 gie kkunsidrat biss b’mod indirett hafna, b’din il-Qorti tikkoncentra pjuttost fuq id-dewmien u d-dritt ghal smigh fi zmien ragonevoli taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti jidher li wkoll abraccjat it-tezi migjuba (f’dak il-kaz) mill-intimat Avukat Generali fis-sens li jekk l-arrest ikun ordnat minn Qorti (bhalma hu l-kaz odjern ta’ l-appellant Dott. Spiteri) allura ma hemmx lok li l-kwistjoni tigi kkunsidrata taht l-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni. In fatti din il-Qorti fil-kaz ta’ ***Sant*** approvat is-segwenti bran, citat mill-intimat Avukat Generali, mehud minn pagna 151 tal-ktieb ta’ Harris. O’Boyle u Warbrick ***Law of the European Convention on Human Rights*** (ara nota in calce numru 2):

“The theory underlining Article 5(4) is that a judicial remedy should be available to review the legality of an administrative act of detention. If, therefore, the initial decision to detain is taken by a ‘court’, Article 5(4) becomes redundant; the required supervision is ‘incorporated in the decision’ of the court that ordered the detention. This is most clearly the case when a person has been ‘convicted by a competent court’ consistently with Article 5(1)(a). It applies equally, however, to other situations where detention is ordered by a ‘court’”.

Dak li, pero`, l-Avukat Generali naqas li jgib ghall-attenzjoni ta’ din il-Qorti fil-kaz ta’ ***Sant*** kien il-bran li jigi immedjatament wara dak appena citat:

“The fact that the initial decision to detain a person is taken by a ‘court’ or that an administrative detention is subsequently ratified by such a body will not suffice to comply with Article 5(4) where ‘the very nature of the deprivation of liberty under consideration would appear to require a review of lawfulness at reasonable intervals’. In cases, that is, **where the circumstances that provide the basis in law for detention may cease to exist**, it becomes necessary to provide the detained person with a continuing remedy at reasonable intervals” (p. 152, emfasi ta’ din il-Qorti).

Fi kliem iehor, id-dritt moghti bl-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni japplika mhux biss ghall-kontestazzjoni tad-decizjoni originali li permezz taghha persuna tigi arrestata jew detenuta – u jekk dik id-decizjoni originali tkun ittiehdet minn awtorita` gudizzjarja certament ma’ jkunx hemm lok ta’ dritt ta’ kontestazzjoni la taht l-Artikolu 5(3) u anqas taht l-Artikolu 5(4) – izda japplika wkoll ghall-kontestazzjoni tal-kontinwazzjoni ta’ dak l-arrest jew ta’ dik id-detenzjoni meta s-sitwazzjoni tkun tali li c-cirkostanzi jistghu jinbidlu b’mod li l-arrest jew id-detenzjoni ma jibqghux aktar legali (ara f’dan is-sens ***van Droogenbroeck v. Belgium*** 24/6/1982, A.50, paras. 44-45; ***Weeks v. United Kingdom*** 3/3/1987, A.114, paras. 55-56). U difatti l-awturi van Dijk u van Hoof, fil-ktieb awtorevoli taghhom ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** (Kluwer Law, The Hague, 1998) iwiegbu hekk ghall-kwezit minnhom stess maghmul:

“Does the fourth paragraph also apply to the detention on remand, now that the third paragraph already prescribes that an accused person, after his arrest, shall be brought promptly before a judge or other officer authorised by law to exercise judicial power? Even in the case that the person in question has thus been brought to trial it can

hardly be said that he has been able to exercise the right ‘to take proceedings’, while moreover not in all cases there is a decision on the lawfulness of the detention by a ‘court’ in the strict sense. The position would therefore appear justifiable that <u>in certain cases</u> Article 5(4) grants to the person detained on remand a right of recourse to a court after the (judicial) decision to detain him or to prolong the detention has been taken. In the *De Jong, Baljet and Van den Brink* Case, the Court reached the same conclusion by holding that the procedure, prescribed in Article 5(3) *“…may admittedly have a certain incidence on compliance with paragraph 4. For example, where that procedure culminates in a decision by a ‘court’ ordering or confirming deprivation of the person’s liberty, the judicial control of lawfulness required by paragraph 4 is incorporated in this initial decision. (…) However, the guarantee assured by paragraph 4 is of a different order from, and additional to, that provided by paragraph 3”* “ (p. 384, sottolinear ta’ din il-Qorti).

Fi kliem iehor, galadarba l-arrest pendenti l-proceduri huwa biss gustifikat jekk ikun hemm ragunijiet validi skond il-ligi ghalih, persuna li tkun arrestata sia jekk ghax ma inghatatx *bail* u sia jekk tkun inghatat il-liberta` provvisorja izda tilfitha ghax kisret kundizzjoni (ta’ konsegwenza serja) ta’ dak il-*bail* ghadha dejjem id-dritt li tirrikorri quddiem l-awtorita` gudizzjarja biex b’mod spedit tigi sindakata l-legalita` tal-<u>kontinwazzjoni</u> ta’ dak l-arrest. Din il-Qorti mhix qed tghid, naturalment, li min jikser il-kundizzjonijiet tal-*bail* ghandu jerga’ jinghata l-helsien mill-arrest; <u>bhala regola</u> il-fatt li dak li jkun ikun kiser kundizzjoni “ta’ konsegwenza serja” tkun konsiderazzjoni li tippeza gravement <u>kontra</u> l-ghoti tal-helsien mill-arrest mill-gdid, ghax dak li jkun ikun wera li huwa persuna inaffidabbli; u f’cirkostanzi simili wiehed jista’ legittimament jargumenta u jikkonkludi li l-perikolu tal-harba, jew ta’ intralc mar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, jew ta’ perikoli ohra li jiggustifikaw l-arrest pendenti l-proceduri, ikun *pro tanto* zdied. Pero` mhux inkoncepibbli sitwazzjoni, per ezempju, fejn wara li persuna tigi riarrestata taht l-Artikolu 579, il-prosekuzzjoni titlef l-interess kollu fil-kaz, b’mod li ma tibqax

tipprosegwixxi l-kaz *"with due diligence"* u ghalhekk tigi nieqsa ghal kollox kwasiasi raguni ghaz-zamma ta' dik il-persuna taht arrest; jew altrimenti jigu nieqsa ghal kollox *"[the] relevant and sufficient reasons to justify his continued detention"*[7]. Fil-fehma ta' din il-Qorti il-mod assolut kif inhu redatt l-Artikolu 581 tal-Kodici Kriminali jivvjola d-dritt, garantit bl-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni, ta' persuna li tkun giet riarrestata taht l-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali li taghmel proceduri biex il-legalita` tad-detenzjoni taghha tigi deciza malajr minn qorti.

Fil-kaz in dizamina, ghalhekk, din il-Qorti issib li fil-kaz tar-rikorrent gie vjolat, bl-Artikolu 581 tal-Kodici Kriminali, id-dritt tieghu taht l-Artikolu 5(4) u dan ghall-periodu bejn ir-revoka tal-helsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali fl-4 ta' Novembru, 2002 sad-data meta l-kaz tieghu gie determinat mill-Qorti tal-Magistrati fit-22 ta' Jannar, 2003. Din it-tieni data qed tigi puntwalizzata ghax kif gie ritenut mill-Qorti ta' Strasbourg fil-kawzi ***Wemhoff v. Federal Republic of Germany*** (27/6/1968, A.7) u ***B v. Austria*** (28/3/1990, A.175) il-periodu kopert bil-paragrafu (3) ta' l-Artikolu 5 huwa dak mill-arrest inizjali sad-determinazzjoni tal-kaz fl-ewwel grad; b'mod li mit-22 ta' Jannar, 2003 'l quddiem l-appellant ghandu jitqies li jinsab detenut taht l-Artikolu 5(1)(a), u dan anke meta, bhal fil-kaz tal-ligi taghna meta si tratta ta' appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati, ikun hemm is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza pendenti l-appell[8]. Anke hawnhekk, in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tal-mod l-aktar celeri li bih il-kaz kontra l-appellant gie deciz mill-Qorti tal-Magistrati, u specjalment in vista tal-fatt li ma ingabu ebda provi li kienu imqar jindikaw li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi fil-perjodu bejn l-4 ta' Novembru, 2002 u t-22 ta' Jannar, 2003 li kienu jirrendu jew jistghu jirrendu d-detenzjoni tieghu illegali kif aktar 'l fuq spjegat, is-semplici dikjarazzjoni li kien hemm ksur ghandha tkun rimedju adegwat.

---

[7] Harris, O'Boyle & Warbrick *op.cit.* p. 139.

[8] Ara wkoll Harris, O'Boyle & Warbrick *op.cit.* pp. 137-138; van Dijk & van Hoof *op.cit.* pp. 375-376.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn cahdet l-ewwel talba u t-tielet talba kif migjuba fir-rikors promotorju tat-13 ta' Novembru, 2002;
(b) tirrevokaha f'dik il-parti fejn cahdet it-tieni talba u r-raba' talba tar-rikorrent u minflok tipprovdi billi tiddikjara (i) li bil-fatt li l-Qorti Istruttorja li quddiemha tressaq l-appellant fit-2 ta' Ottubru, 2002 ma kellhiex is-seta' awtomatika li tiddeciedi dwar il-legalita` tal-arrest tieghu kif ukoll (ii) minhabba d-divjet ta' l-Artikolu 581 tal-Kodici Kriminali gew lezi d-drittijiet ta' l-appellant kif protetti bil-paragrafi (3) u (4) rispettivament tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea; u
(c) tipprovdi dwar il-hames talba tar-rikorrent billi tiddikjara li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz id-dikjarazzjoni maghmula fil-paragrafu (b) ta' dan id-dispozittiv huwa rimedju adegwat ghall-imsemmija vjolazzjonijiet.

L-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dana l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Fl-ahharnett il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 242 tal-Kap. 12, tordna lir-Registratur sabiex minnufih jitrasmetti kopja ta' din is-sentenza lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati u dan ghall-finijiet u effetti kollha ta' l-imsemmija disposizzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------